# ILSIEN PAJJIŻI

Fost l-ilsna kollha, ja lsien pajjiżi,
Isbaħ u bħalek jien ma narax;
Ruħi mingħajrek, bħal fomm imbikkem,
Li jrid jitkellem u ma jistax.

Għani f'faqartek, kbir fi ċkunitek,
Taqbel ma' qalbi, taqbel mal-ħsieb;
Bik fuq xuftejja il-mewt għad nara
Tad-dinja l-oħra tiftaħli l-bieb.

Int li tfakkarni fi żmien tfuliti,
Meta ma' sħabi kont jien immur,
Naqbeż niġġerra, nilgħab u ninbex,
Jew għal xi bejta nitla' ma' sur,

Int li tfakkarni kemm Malta kienet
Dari msemmija ma' kull imkien,
Sa kemm marbuta baqgħet ma' ġmielek,
Sa kemm ħassruha in-nies u ż-żmien.

Fik jiġri ħsiebi, jekk xbejba tagħżaq
B'xi libsa mqattgħa tperper mar-riħ
Nara u mid-daqqa li tat l-imgħażqa
Nikxef il-qawwa ta' dak id-driegħ.

Fik jiġri ħsiebi jekk f'xatt il-baħar
Mixħut fuq blata nilmaħ daqqiet
Bħal qrun tal-fidda għaddej il-qamar
Jiddi u jitkellem mas-sħab u s-skiet.

Leħnek jien nisma' jekk rasu mmejla
Fuq tarf ta' fergħa jgħanni tal-bejt,
Iktar jekk jidwi jingħi f'widnejja,
Il-biki, Malta, li dejjem bkejt.

Fost l-ilsna kollha, ja lsien pajjiżi,
Isbaħ u bħalek jien ma narax;
Ruħi mingħajrek bħal fomm imbikkem.
Li jrid jitkellem u ma jistax.

Għalik jien Malti, u bajda u ħamra,
Dik il-bandiera li nsellem jien.
Int nisel tajtni kbir u qalbieni,
Ħsieb u qalb lilek nagħti flimkien.

PROF. A. CUSCHIERI O.C.

Minn *Il-Ħabib.*